Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 41**
**Tlieta 26 ta'Lulju 2022**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-5:30 pm.

**PREŻENTI:**

Margaret Baldacchino Cefai : Sindku
Charles Selvaggi : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Emanuel Brincat : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier(Dahal 05.50pm)
Judy Sciberras : Kunsillier
Romina Galea : Viċi Sindku

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Jean Claude Borg : Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**41.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġija;**

41.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta’ apoloġija tal-Kunsillier Jean Claude Borg li talab li jkun skużat. Filwaqt li Sur Alfred Farrugia avża li se jasal ftit tard.

Il-Kunsilliera preżenti, aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

**41.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

41.2.01 Il-Minuti ta’Seduti L8-39 u L8-40 ittieħdu bħala moqrija.
Kien hemm korrezzjoni fil- minuti 40.5.13 u ġiet miżjuda 40.5.13b
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**41.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

41.3.01 Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti bit-telfa ta' raġel ta' waħda mill-persuni li tieħu ħsieb it-tindif tal-binja tal-Kunsill.
Is-Sur Alfred Farrugia talab għal sospensjoni tas-seduta biex tkun osservata minuta ta’silenzju b'rispett għal memorja ta’Sur Muscat li għada għal ħajja ta'dejjem.
Sospensjoni tas-seduta.
Il-kunsilliera preżenti osservaw minuta silenzju.

41.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda komunikazzjoni mill-Kunsill Reġjonali Lvant dwar proġetti b'kollaborazzjoni għas-Sena 2022 fejn għaddiet l-informazzjoni relatata mal-fondi għal proġetti li l-Kunsilli Lokali jistgħu jwettqu fil-Lokalità rispettiva tagħhom b’kollaborazzjoni ma’ dan ir-Reġjun. Hawn spjegat kif dawn il- fondi huma maqsuma -
*Proġetti b'kollaborazzjoni ma' l-għaqdiet fil-Lokalità sa mhux aktar minn €2,500;

*Proġett kulturali, sports, mużika, Jum il-Lokal jew Baned sa mhux aktar minn €16,000 sabiex jinżammu dawn il-proġetti.
*Proġetti ta' titjieb fil-Lokalità sa mhux aktar minn €35,000 li għandhom ikunu mwettqa bejn Jannar 2022 sad-data ta’ l-għeluq. Il-Proġett ma jistax jiġi kofinanzjat minn fondi oħra.
*Kull Kunsill Lokali jista’ jibbenefika sa’ mhux aktar minn €3,000 fuq spejjeż ta’ xiri jew kiri ta’ dawl u tiżjin għal żmien il-Milied 2022.Jekk il-Kunsill Lokali għandu kuntrattur, għandha ssir referenza għal dan il-kuntratt. iżda jekk l-ispejjeż ma' jaqbżux l-ammont ta’ €5,000 (VAT eskluż), il-Kunsill għandu jitlob għal tliet kwotazzjonijiet
Kull talba għar- rifużjoni trid tasal għand il-Kunsill Reġjonali Lvant wara li l-Kunsill Lokali jkun ħallas l-ispejjeż involuti iżda sa mhux aktar tard mill- 31 ta’ Ottubru 2022 , b’eċċezzjoni ta’ xiri jew kiri ta’ dawl u tiżjin għal żmien il-Milied li għandhom jaslu sa mhux aktar tard mill-15 ta’ Frar 2023. Dokumenti għal kull talba jinkludi kopja tal-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali fejn il-proposti ġew ippreżentati, diskussi u approvati flimkien mal-kopji tal-purchases order, kuntratt jew tal-kwotazzjonijiet meħtieġa; fattura, ċekk jew kopja tat-trasferiment bankarju u rċevuta fiskali mingħand il-fornitur. L-ebda talba ta’ rifużjoni mhu ser tiġi aċċettata wara d-data ta’ l-għeluq.

**41.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

41.4.01 B'referenza għal minuti 39.3.01 dwar il-proġett Ikber Magħna, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-klassijiet bdew fl-11 ta'Mejju u qed ssiru kull nhar ta' Tnejn u il-Ħamis.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai żiedet li kien hemm komunikazzjoni fejn jista' jkun hemm xi klassijiet li se jsiru is-Sibt.

41.4.02 B'referenza għal- minuti 39.3.05 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti dwar il-bins, provduti mid- Diviżjoni tat-Tindif & Manutenzjoni skond il-ftehim mal-Kunsill Reġjonali Ilvant. Hawn spjega li l-Kunsill ġab tlett settijiet biss minħabba li dawn kienu se jinġabu l-uffiċju l-Ġimgħa 15 ta' Lulju tard wara nofs inhar. Dawn imbagħad ġew mqassma mill- ħaddiema go Misraħ 5 ta'Ottubru, Misraħ San Guzepp u Triq Xatt ta' Xbiex.

41.4.03 B'referenza għall-minuti 39.3.06 dwar proġett ta'drenaġġ go Xatt ta'Xbiex, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-kuntrattur tal-WSC beda bil-preparamenti tiegħu biex jibda ix-xogħol fil-25 ta'Lulju. Għalhekk ingħalqet it-triq bejn l-għassa tal-Pulizija u Triq il-Parroċċa. Kien hemm bżonn ukoll li tkun żarmata il-pletform ta'attività kummerċjali fejn saru provediment biex din topera b'mod temporanju minn go Triq il-Parroċċa sakemm ikun lest ix-xogħol goz- zona indikata.

Is-Sur Charles Selvaggi staqsa kif se jsir ix-xogħol u kemm se jdum.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li dan se jsir parti kull darba bejn kantuniera u oħra li se tkun lesta minn kollox qabel tibda l-parti li tkun tmiss. Hawn fakkret li f'seduta preċedenti kienet tkellmet dwar il-bankini li se jsiru mill-ġdid minħabba x-xogħolijiet meħtieġa ta' komunikazzjoni mal-mains il-ġodda < li jistghu jiehdu sa 40 gimgha>. Għalhekk kif indikat il-kunsill qed jara li jiġbor l-istima biex il-wiċċ tal-bankina minn k/m Triq Monsinjur Falzon il fuq sal-konfini mal-kunsill lokali Ta' Xbiex issir bil-madum li jikkumplimenta ma'dak li qed ssir fil-promenade faċċata tagħhom.

Mizjuda:< li jistghu jiehdu sa 40 gimgha>

41.4.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar żewġt bus stops li kienu pjanata biex issiru ma' tul il-promenade fejn spjegat li dawn kienu se jkunu madwar 130 metru minn xulxin u b'provediment fejn tal-linja tidhol u tieqaf il-ġewwa biex ma' tkunx qed tostakola il-karreġġjata. Għalhekk talbet biex issir laqgħa ma' uffiċjali ta'TM fuq il-post għax żewġt stops fl-istess żona b'distanza ta' inqas min żewġt minuti mixi ma' tagħmilx sens u barra minn hekk kien se jintilef ammont kbir ta' spazju għal parkeġġ. Hawn kompliet tispjega li fil-fatt TM fehmu dawn il-punti u qablu li l-bus stop ta' ħdejn iż-żona ta' l-Iskall titneħħa.

Is-Sur Maurice Agius qal li kullħadd kien tali-stess fehma meta s-Sindku kienet għarrfet u spjegat dan kollu lill kunsilliera ftit tal-ġranet qabel wara li attendew għal laqgħa mal -Onorevoli Sna. Rebecca Buttigieg, Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza.

Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar il-laqgħa u rringrazzja lill Onorevoli Buttigieg tal-oppurtunita biex tiltaqa' mal-membri tal-kunsill.

41.4.05 B'referenza għall-minuti 39.3.07, Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar servizzi tas-saħħa fil-berġa ġol-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għal aġġornamenti preżentati qabel is-seduta filwaqt li Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet  li saret laqgħa fuq il-post ma'CEO fejn kien spjegat li l-kmamar offruti fil-mument huma żgħar u limitata għal bżonnijiet tas-servizzi tal-lum u minhabba l-istandards rikjesti ghal-bereg għalhekk il-kunsill intalab biex jipprovdi l-ispazju tal-librerija minflok iż-żewġt kmamar li qed jintużaw fil-mument fl-istess ħin saret ukoll spezzjoni go post fil-binja tal-housing faċċata tal-Kunsill lokali iżda dan skond is-CEO l-aċċess bit-taraġ ma'deherx li huwa adattat.

41.4.06 B'referenza għal minuti 39.4.06, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai staqsiet dwar ir-rampa fil-bankina ta' Triq Prinċipessa u biex niktbu dirett lil PA.

41.4.07 B'referenza għal minuti 39.4.15  Is-Segretarju Eżekuttiv gharraf lil kunsilliera preżenti li d-disabled parking ħdejn il-knisja inqaleb għall-użu pubbliku 24/7 minflok għal waqt il-quddies biss.

41.4.08 B'referenza għal minuti 39.5.01 dwar kollezzjoni ta’ skart domestiku, s-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li d-Dipartiment għal- Gvern Lokali approva ordni diretta biex il-kuntrattur ikompli jagħti dan is-servizz b'rata ta'€690.00 mingħajr VAT għal kull kollezzjoni sal-aħħar ta'Settembru .

41.4.09 B'referenza għal minuti 39.5.03 dwar Reverse Vending Machines, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li ġew identifikati żewġt siti alternattivi li huma fejn il-Bring in Site ta' Swatar u dik ta' Triq l-Irmiġġ fejn dawn ma' jieħdux post tal-parkeġġ.

41.4.10 B'referenza għal minuti 39.5.04,  dwar skema għal- finanzjament relatat ma' xogħlijiet ta’ manutenzjoni fuq funtani, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li saret l-applikazzjoni għal tiswija tal-funtana go Pjazza Victor Denaro li hija stmata €14,500.

41.4.11 B'referenza għal- minuti 39.5.06, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li l- ħasil ta’ Misraħ San Guzepp huwa lest.
Is-Sur Alfred Farrugia staqsa dwar il-ħasil ta' Misraħ 5 ta' Ottubru u il-biċċa ta' Triq Zamenhof.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li għal dawn ghad ma' hemmx stima.
Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem u spjega li għal ċertu zoni żgħar jista’ jkun aktar konvenjenti u prattiku jekk il-kunsill jikkunsidra  jixtri powerwash żgħira u  almenu dan it-tip ta' xogħol ta' ħasil u jista’ jiġi mqabbad biex ssir mill- ħaddiema assenjati.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li jinġabru stima għal powerwash żgħira li tkun addattata biex issir ċertu xogħol ta' ħasil u tindif ta'volum żgħir.

41.4.12 B'referenza għal-minuti 39.5.09, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li ġiet mgħoddija kopja ta'draft bl-emendi lill-għaqda tad- dgħajjes biex wara jressqu is-suġġerimenti tagħhom għal- kunsiderazzjoni tal-kunsill.

41.4.13 B'referenza għal- minuti 39.5.12, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li l-kumitat għat-Tismija ta'Toroq approva li Triq il-Balliju ta'Guttenberg l-parti li tinsab k/m Triq Ġużè Ellul Mercer u k/m Triq Indrì Grima t'issemma Triq il-Loġġa.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar it-toroq l-oħra fejn spjegat li l-isem propost għal Triq it-Torri f'naħa ta' Swatar , u l-ismijiet proposti għal dawk msemmija fil- minuti 39.5.14 u 39.5.15 għad irrid jkunu diskussi mill- kumitat għat-Tismija ta'Toroq

41.4.14 B'referenza għal- minuti 40.3.01 dwar Introduzzjoni tal-Pulizija tal-Komunità fl-Imsida Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li ġiet iffissata laqgħa dwar is-suġġett għal- għada l-Erbgħa 27 ta'Lulju fis-2 p.m. u min jixtieq jista' jattendi.

41.4.15 B'referenza għal minuti 40.3.02, is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm stabbilimenti tal-catering li applikaw għal l-skema ta' ġbir ta' skart organiku, li jinkludu ristoranti, snack bars u lukandi fir-Reġjun tal-Lvant li huma eliġibbli għal din l-iskema. Dawn l-istabbilimenti qed jiġu ikkuntattjat biex jingħataw dettalji u jkunu mħeġġa japplikaw fuq il-websajt tal-AKL billi jfittxu go sezzjoni proġetti u mbagħad jidħlu go taqsima għal-Ġbir tal-Iskart Organiku.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ghad ma'għandux din l-informazzjoni minħabba li dan huwa proġett tal-Assoċjazzjoni u dawk interressati irridu japplikaw fuq il-websajt tal-AKL.

41.4.16 B'referenza għal minuti 40.4.02 għal Onorifiċenza Ġieh L-Imsida 2022, u minħabba li s-seduta tal-kunsill kienet skedata aktar tard fix- xahar, is-Segretarju Eżekuttiv b' notifika għarraf lill kunsilliera li l-bord kien kostitwit mis-Sinjuri Matthew Dimech, Marita Portelli u Karen Camilleri li ġiet imsejħa minflok is-Sur Alex Manfre li ma' setax jattendi. Il-bord iltaqa nhar il-Erbgħa 6 ta'Lulju biex evalwa l-proposti għan-nomini rispettivi ta' Sur Twanny Agius u Monsinjur Alfred Camilleri. Il-bord iddiskuta żewġt nominati skond l-informazzjoni mgħoddija fuq il-formola. Il-bord ikkunsidra iż-żewġt proposti fejn il-membri unanimament qablu li l-impenn mill- att sportiv tas-Sur Twanny Agius kellu effett u għamel il- ġid fis- soċjetà għaldaqstant qed iwasslu r-rakkomandazzjoni tagħhom sabiex jingħata l-onorifiċenza Ġieh L-Imsida għas-sena 2022.

41.4.17 B'referenza għal- minuti 40.5.03, is-Segretarju gharraf lil kunsilliera preżenti li l-fire engine ġiet provduta l- Ġimgħa 15, s-Sibt 16 u l- Hadd 17 ta' Lulju.

Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar għaqdiet ohra li ma'j ieħdux ħsieb jaħsbu għal fire engine .

41.4.18 B'referenza għal- minuti 40.5.06, is-Segretarju għarraf lil kunsilliera preżenti li beda ssir it- tħawwil ta' pjanti Clarissa, Rosmarinus u Rhophiolepis go Misraħ 5 ta'Ottubru.

41.4.19 B' referenza għal- minuti 40.5.10, is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar ix-xogħol fuq il- bankina go Triq Giuseppe Calleja fejn għarraf lill kunsilliera preżenti li din daqt tkun lesta.

41.4.20 B'referenza għal-minuti 40.5.14 biex jeħel id-dawl mal-faċċata tal- blokka go Triq L.Zamenhof, Is-Segretarju għarraf lil kunsilliera preżenti li s-sid tal-appartament fejn trid teħel qed joġġezzjona għal dan.

Is-Sur Emanuel Brincat staqsiet jekk kienx hemm fanal mal- binja l-antika

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li fittex u verifika ma' pjanti ta' l-Enemalta qabel 2016 u fil-fatt ma' kienx hemm fanal. Hawn kompla jispjega li kif għaddej is-servizz bħal issa qiegħed jaqsam minn faċċata ta' Triq it-Torri għal m' arblu go Triq L-Zamenhof li qiegħed jostakola il-passaġġ go nofs bankina.

Is-Sur Alfred Farrugia ippropona biex ssir fanal f'nofs is-central strip ta' L Zahmenhof.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota biex jara dan x'jinvolvi u jiġbor stima mill-kuntrattur.

41.4.21 B'referenza għal-minuti 40.5.15, is-Segretarju għarraf lil kunsilliera preżenti li l-mera li go Triq l- Università k/m Triq Nazju Falzon saret.

41.4.22 B'referenza għal- minuti 40.5.20, is-Sur Emanuel Brincat staqsa jekk kienx hemm aktar żviluppi relatata ma' l-ittra uffiċjali għan- nom ta' Sinjura J. Sciberras dwar danni minn żewġ inċidenti separati.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-avukat mexxiet iżda sa' l-ġurnata ma' kienx hemm aktar żviluppi.

**41.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

41.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar l-installazzjoni ta' CCTV go numru ta' hotspots finanzjati mill- fondi LESA għall-Proġetti fil-Komunità. B'referenza għal-minuti 34.4.07 u kameras oħrajn parti finanzjati mill- Greenpak mal-bring-in-sites. Hawn fakkret lill kunsilliera preżenti li dawn se jkunu sorveljati mill-LESA u għaddiet dettalji ta' dawk li fil-mument ġa qed jaħdmu li huma go Triq Victor Denaro k/m F.S Caruana, Triq Kunċizzjoni k/m it- Torri, Ċirku Msida, Triq il-Kunzar, Triq tal-Hriereb k/m Nazju Falzon u il-bring-in-site tas-Swatar. Hemm ukoll erba' kameras oħra go Triq Box Box, Triq Oscar Zammit k/m Misraħ il-Barrieri ,Triq il-Qawsalla u bring-in-site ta' Triq Victor Denaro li għadhom mhux qed jaħdmu. Hawn għarrfet lill kunsilliera preżenti li wara li talbet mhux b'mod formali ftit informazzjoni jew indikazzjoni ta' kemm saru taħrikiet matul dawn l-aħħar tlett ġimghat li dawn bdew jaħdmu fejn ġiet infurmata li kien hemm 17 il-ċitazzjonijiet filwaqt li aktar il-quddiem il- LESA se tibgħat kommunikazzjoni aktar aġġornata u ddettaljata. Hawn kompliet tispjega li dan hemm iktar x' titkellem fuqu minħabba li identifikazzjoni ta' individwi mhux faċli bħal meta jkun hemm numru ta' vettura għalhekk se titlob laqgħa ma'-LESA fuq dan ir-rigward.

Saret diskussjoni bejn il-kunsilliera preżenti dwar kif il-LESA tista' tgħaddi l-immaġini ta' individwi li jinqabdu jabbużaw. Saru ukoll suġġerimenti u proposti ta' kif dawn jistgħu ikunu identifikati.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li wieħed irrid joqgħod attent dwar dak li huwa permess mill-GDPR.

41.5.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda ċirkulari SPI/SCI/7/2022 dwar Espressjoni ta' Interess - Cleanup The World Campaign 2022. Hawn spjegat li l-inizjattiva qed tiġi mnedija bħala parti mill-World Clean up Day Campaign li se jiġi imfakkar fit-tielet Sibt ta' Settembru, bi sforz immirat lejn it-tnaqqis tal-iskart u t-tindif tal-komunitajiet lokali, parks, trails, ġonna, bajjiet, u spazji miftuħa. L-għan ewlieni tal-inizjattiva huwa li l-Kunsilli Lokali jgħaqqad l-komunità sabiex twettaq tindif li permezz tiegħu l-Lokalità tingħata dehra aktar nadifa u sana li tiddependi wkoll minn kooperazzjoni u l-kollaborazzjoni bejn komunitajiet differenti, inklużi l-livelli differenti kollha tas-soċjetà – miċ-ċittadini għan negozju, sal-Gvern. Għalhekk il-kunsilliera preżenti huma mitluba jindikaw jew jipproponu siti biex il-kunsill ikun jista' japplika skont kif inhu ndikat fiċ-Ċirkulari. L-applikazzjonijiet u d-dokumenti relevanti għandhom jintbagħtu sa mhux iktar tard minn nhar Il-Ġimgħa, 12 ta'Awwissu 2022.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu li jipparteċipaw għal Clean up the World Campaign b'sit li jkun deċiż skond il-proposti u ratifikat f'seduta L8_42.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda ċirkulari SPI/SCI/8/2022 dwar espressjoni ta' interess għal finanzjament Milied 2022. Hawn spjegat li l-għan ta' din l-espressjoni ta' interess huwa proprju biex tagħti opportunita' lill-Kunsill Lokali biex jorganizza attività u jieħu inizjattivi f'dan il-perjodu li jservu sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jiċċelebraw dan iż-żmien kif jixraq, b'mod speċjali għal xi wħud dan iż-żmien ikun kemm xejn aktar diffiċli. Għalhekk il-kunsilliera preżenti huma mitluba biex iwasslu l-proposti tagħhom. L-applikazzjoni u d-dokumenti relevanti għandhom jintbagħtu sa mhux iktar tard minn nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Awwissu 2022.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu li japplikaw għal finanzjament Milied 2022 bl-attività deċiża skond il-proposti u ratifikata f'seduta L8_42.

41.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda kopja ta' kommunikazzjoni għal stedina fejn saret it-tnedija tat-Tielet Sejħa SGS u taħriġ relatat ma' benefiċċju minn Skema ta' Għotjiet żgħar kofinanzjat mill-Mekkaniżmu ta' Finanzjament Norveġiż għal proġetti biex ikun hemm kwalità tal-ħajja mtejjba tal-komunitajiet fil-bżonn f'lokalitajiet urbani. Hawn kompliet tispjega li għal din it-tnedija attenda is-Segretarju Eżekuttiv li se jgħaddi aktar informazzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-budget għal din l-skema mfassla għal proġetti żgħar huwa € 215,086.303 fejn dawk il-kunsilli kif muri fil-linji gwida jistgħu jipproponu applikazzjoni għal proġett liema ammont ta' għotja u ko-finanzjament jista' jkun bejn minimu ta' €25,000 u l-massimu ta' € 100 000.

Hawn għadda aktar dettalji dwar ir-rata massima tal-għotja tal-proġett li hija ta' 85 % tan-nefqa eliġibbli totali tal-proġett magħżul taħt din l-iskema, filwaqt li l-kunsill irrid joħroġ mill- fond lokali 15% tal ammont minn nefqa totali tal-proġett. Hawn kompla jispjega li l-proġetti sottomessi jridu jissodisfaw il-kriterji deskritti fil-linji gwida li jinvolvu bosta xogħol li jrid ssir sabiex l-applikazzjoni tkun kompleta b'dawk id-dokumenti neċessarji skond standards mitluba mill- Unjoni Ewropea. Għalhekk jekk il-kunsill jiddeċiedi li japplika għal din l-iskema il-proġett rrid ikun b'skop deskritt sew, fattibbli u sottomess sa mhux aktar tard mill-Erbgħa 5 ta 'Ottubru 2022 (nofsinhar). B'dan il-għan is-Segretarju Eżekuttiv talab lill kunsilliera jressqu sa l-Ġimgħa 5 ta'Awissu il-proposti tagħhom li għandhom ikunu skond il-kriterji tal-linji gwida biex imbagħad ssir diskussjoni dwar l-iskop u dettalji qabel ma' jibda l-proċess ta'applikazzjoni.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew xi ftit ideat li jistgħu jsiru proposti għalihom u talbu biex tintbagħat kopja tal-linji gwida.

41.5.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda komunikazzjoni mingħand kumpanija lokali b' proposta biex tkun kunsidrata dwar servizz għal manutenzjoni ta' Laptop jew PC. Hawn spjegat li dan huwa ftehim ta' 12 il-xahar mal-Kunsill Lokali għal prezz ta' €5,000 fejn din il-kumpanija se tintrabat bil-pakkett ta'servizzi li jinkludu servizzz ġenerali, tindif fiżiku, ifformattjar mill-ġdid, tneħħija tal-virus u installazzjoni ta' software kontra l-virus. Hawn kompliet tispjega hemm numru ta' kunsilli Lokali u anke entitajiet li qed jibbenefikaw minnu billi joffru dan is-servizz lill membri tal-komunità jew impjegati u lill familjari tagħhom. Għalhekk li l-Kunsill jista' jikkunsidra dan l-arranġament biex jibda joffri lill membri tal-komunità is-servizz mingħajr ħlas.

Saret diskussjoni dwar il-proposta fejn saru mistoqsijiet dwar reklamar u kif dan is-servizz jista' jkun immaniġġjata.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan jista' jkun faċilment kontrollat billi l-individwi nteressati li jibbenefikaw l-ewwel japplikaw mal-kunsill u jekk dan ikun resident eliġibbli għas-servizz jinħareġ vawċer mill- Kunsill bhal eżempju kif sar meta kien hemm l-iskema ghal cat feeders reġistrati fejn kien hemm rendikont ta' kollox.
Il-Kunsilliera preżenti approvaw unanimament biex ssir il-ftehim u s- sistema proposta mis-Segretarju Eżekuttiv.

41.5.05 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar il-parkeġġ tal-kunsill u għalkemm din kienet ġa ġiet diskussa xhur ilu f'seduta oħra xorta jħoss li parkeġġ wieħed għal van mhux biżżejjed u għandu jkun hemm aktar parkeġġ riservat għal ħtiġijiet ta' ħidma tal-kunsill.
Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar kif bosta kunsilli għandhom aktar minn parkeġġ wieħed riservat u kif l-għassa tal-Imsida tirriserva għalihom aktar minn parkeġġ wieħed.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sa fejn jiftakar kien tkellem mas- supretendent u l-ispazju riservat żejjed sar parkeġġ komuni iżda se jivverifika dwar dan.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai u s-Sur Nicholas J Chircop esprimew l-opinjoni tagħhom li ma' jaqblux ma' din il-proposta minħabba li ġa hemm problemi li qed iwasslu għal nuqqas sew ta'parkeġġ ghar-residenti.
Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar kif se jsir xogħol fil-bankina quddiem il-garaxx biex toqgħod vettura oħra.
Id-diskussjoni ntemmet mingħajr deċiżjoni.

41.5.06 Is-Sinjura Romina Galea tkellmet dwar abbuż li qed issir kuljum minn mekkaniku li qed jagħmel xogħol fil-karozzi barra u fuq il-bankina li għada kif ssir u ġiet mandra biż-żejt tal-magni apparti li mela kullimkien bli-skalora

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa'nota fl-stess ħin wieġeb li se jgħaddi rapport lill awtorità konċernata.

41.5.07 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem li l- qtugh ta' dawl go Triq Box Box sa Triq il-kunċizzjoni k/m Torri fejn llmenta li din is-sitwazzjoni ilha għaddejja għal bosta ġimghat.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li bgħat lill kuntrattur tal-kunsill u anke saru numru ta' rapporti mal-Enemalta. Hawn spjega li kull ilment li qed jidħol mal-ewwel jingħadda skond il-każ u mhux hekk biss għax qed ssir dak kollu possibbli biex il-kunsill jikkomunika mal-entitajiet għal aġġornament dwar dawn l-ilmenti. Dan minkejja li kif kullħadd jaf il-volum ta' xogħol żdied u dan jieħu ħafna mil- ħin tal-impjegati biex ssir filwaqt li n-nuqqas ta' impjegati qed dejjem tinħass aktar u hemm bżonn li dan il-post vakanti jimtela b'iskala 15.

Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk il-pożizzjoni hix se tkun Back to Back għax mhux sew li wara dan iż-żmien kollu l-kunsill għadu marbut b' impjegata li fil-fatt ma' għaddiex miegħu. Hawn spjega li din kienet ġiet assenjata jew mislufa aktar minn disgħa jew għaxar snin ilu fejn ħadd ma jaf eżatt fejn jew ma' liema dipartiment hija barra li jista' jkun ukoll li din qorbot sew biex tirtira bl-età.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din l-impjegata qatt ma' iltaqa' magħha għalhekk ma' jafx min hi jew fejn issa tinsab. Jista' jipprova jivverifika biex jara fejn u f'hiex waslet, biss bl-emendi li saru fil-liġi, l-kunsill jista' kif ġa' kien diskuss f' seduti oħra jitlob biex ikun hemm aktar impjegati li f'dan il-każ huwa għal Clerk Skala 15.

Il-Kunsilliera preżenti approvaw unanimament biex ssir it-talba mad- dipartiment biex toħroġ is-sejħa ta'vakanza għal clerk (full time) skala 15

41.5.08 Is-Sinjura Judy Sciberras tkellmet dwar il-bring-in-site go Triq Victor Denaro u talbet biex dawn jinħaslu u staqsiet jekk hux possibbli issiru tabelli dwar materjal li jista' jinxteħet gol- l Bins

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn huma tal-operatur li ssoltu jibgħat javża meta dawn il-bins ikunu inħaslu. Għalhekk se jara mal-Operatur meta dawn saru l-aħħar u dwar is-suġġeriment ta'tabelli.

**41.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat**

41.6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda koppji tas-second Qtr : Financial indicators għall-bejn 1 ta'Jannar u 30 ta'Gunju 2022 u ta' spjegazzjoni tar-rapport li jindika li l-Kunsill temm b'suċċess il-perjodu b'mindikatur pożittiv ta' 60 % tal-allokazzjoni annwali tal-gvern. Hawn fakkar lill kunsilliera preżenti li dan l-indikatur jirrifletti fih il- fond li ġġemma il-kunsill biex ikun jista' jimplimenta proġetti finanzjati minn fondi tal-kunsill jew oħrajn min skemi differenti mingħajr ma'jkun hemm problema ta' cash flow sakemm il fondi jiġu mgħoddija lill Kunsill. Biss il-Kunsill xorta rrid iżomm għajnejh fuq l-infiq tiegħu biex jevita kull ħaġa li ma tkunx konformi mal- estimi u l-pjan ta' ħidma.

Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar repairs & upkeep fejn osserva nefqa ta'kważi €10,000 meta mqabbla ma' €60,000 fl-estimi.

Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li dan l-infiq għad rrid jidher aktar il-quddiem fejn fakkar li matul din is-sena saret manutenzjoni fil-bankini ta' Triq Esperanto u xogħolijiet oħra li qed isir f'Swatar.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li fil fatt għad rridu jidħlu numru ta'invoices għal bosta xogħol ta'manutenzjoni li sar jew għadu qed ssir. Ma dawn hemm ukoll xogħolijiet oħra li jidħlu taħt nefqa kapitali. Hawn kompla jispjega li meta tqabbel id-dħul u ħruġ għal dan il-perjodu mal-estimi, il-kunsill qed iżomm viċin mal-objettiv. Iżda minħabba iċ-ċirkostanzi preżenti dwar il-kuntratt għal ġbir ta'skart u anke minħabba li qed jgħollu bosta affarijiet il-kunsill irrid jieħu ħsieb jirrevedi l-pjanijiet u jagħmel emendi fl-estimi fejn hemm bżonn.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

**41.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

41.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-41 ta' ħlasijiet bejn 29 ta'Ġunju sa 26 ta, Lulju 2022.

Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar il-ħlas relatat kuntratt tal-knis għax mhux qed jagħmel ix-xogħol kif suppost u spjega li minkejja li għaddiet ġimgħa mill-festa għadek tara fit- toroq tas-Swatar traċċi ta'kartun li jaqaw mill-ħruq tal-murtali.

Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar il-kuntratt kurrenti li wasal biex jiskadi u x'effett se jkun hemm anke jekk żżomm pagament għal xahar.

Saret diskussjoni qasira bejn il-kunsillier dwar superviżjoni fuq il-knis u miżuri ta' defaults li għalihom is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u irrefera għas- seduta preċedenti fejn ta'spjega dettaljata tas- sejħa il-ġdida li se tkun qed tipprovdi għal miżuri aktar effettivi. Hawn talab lill kunsilliera preżenti biex jieħdu deċiżjoni fuq dan il-pagament u jekk hemm jagħmlu l-mistoqsijiet dwar pagamenti l-oħra.

Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u qablu unanimament li l-pagament relatat mal-kuntratt tal-knis ikun iffriżat, sakemm il-kuntrattur jirrimedja.

L-iskeda ġiet proposta mis-Sur Emanuel Brincat u s-sekondat mis-Sur Alfred Farrugia.

Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw il-kumplament tal-iskeda.

**41.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

41.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:25 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 30 ta'Awissu 2022 fil-5:30 p.m.

Minuti konfermati, illum 30 ta' Awissu 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai<br>Sindku | Alan Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |